MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 324/2015

**Bank of Valletta p.l.c.**

**(C - 2833)**

**vs**

**Joseph Borg**

**(K.I. numru 445276 (M))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-10 t' April, 2015, li permezz tieghu l-Bank rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi l-bank rikorrenti kkonceda facilitajiet bankarji lill-intimat permezz ta' skrittura privata datata l-20 t'April, 2009, (ara foll 5);

1.2. Illi rizultat ta' l-istess is-socjeta` rikorrenti hi kreditrici ta' l-intimat fis-somma ta' hmistax -il elf u wiehed u tletin Ewro u sittin centezmu, (€15,031.60), bilanc ghad-debitu fil-*"consumer loan account"* ta' l-intimat, (ara foll 9 *et sequitur*);

1.3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel), fosthom li l-intimat:

1.3.1. Naqas li jhallas il-pagamenti dovuti lill-bank rikorrenti kif patwit;

1.3.2. Kien inadempjenti f'obbligi ohra assunti;

1.3.3. Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess intimat li jeffettwaw negattivament il-possibilita` tal-hlas lura tad-debitu *de quo*;

1.4. Illi *nonostante* li debitament interpellat biex ihallas l-ammont minnu dovut, l-intimat baqa` inadempjenti, (ara foll 12);

1.5. Illi in vista tal-premess il-bank rikorrenti adixxa din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din m'ghandiex:

1.5.1. Tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-kundizzjonijiet stipulati fl-imsemmija skrittura privata, fuq gia` indikati, li jipperikolaw il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lill-bank rikorrenti;

1.5.2. Tikkundanna lill-intimat ihallas lill-bank rikorrenti s-somma ta' hmistax -il elf u wiehed u tletin Ewro u sittin centezmu, (€15,031.60), bilanc mill-imsemmi *“consumer loan account”* in dizamina, oltre l-imghax ulterjuri mill-1 ta' Dicembru, 2014, sad-data tal-effettiv pagament;

1.5.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Ezaminat id-dokumenti kollha prodotti;

3. Rat in-nota ta' l-intimat datata t-8 ta' Gunju, 2015, li permezz taghha ammetta t-talbiet tal-bank rikorrenti;

**DECIDE:**

4.0. Illi in vista ta' l-ammissjoni fuq riferita tqis li l-bank rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement:

4.1. Tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-kundizzjonijiet stipulati fl-imsemmija skrittura privata fuq gia` indikiati li jipperikolaw il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lill-bank rikorrenti;

4.2. Tikkundanna lill-intimat Joseph Borg biex ihallas lill-bank rikorrenti Bank of Valletta p.l.c. is-somma ta' hmistax -il elf u wiehed u tletin Ewro u sittin centezmu, (€15,031.60), bilanc dovut mill-imsemmi intimat lill-bank rikorrenti rizultanti mill- *"consumer loan account"* fuq gia` riferit, oltre l-imghaxijiet ulterjuri minnu dovuti lill-istess bank rikorrenti mill-1 ta' Dicembru, 2014, sad-data ta' l-effettiv pagament;

4.3. Bl-ispejjez kif dedotti mill-bank rikorrenti fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 3), kontra l-imsemmi intimat Joseph Borg.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------